# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 15

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

It-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

ASSENTI

Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' l-Ikin, Dott. Dorian Sciberras, mis-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, u mill-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab.

15.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri b'mod unanimu.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 14 li nżammet nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

15.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 15.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Pink October u Movember 2022*

15.3.1 Il-President irringrazzja li dawk li attendew il-*billiard tournament* li nżamm nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022. Din kienet it-tielet avveniment b'risq il-Pink October u Movember. Minn dawn it-tliet attivitajiet inġabret is-somma sabiEħa ta' €550. Din is-somma ġiet ippreżentata lill-Marigold Foundation nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2022.

- *Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Lvant*

15.3.2 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li hu kellu mal-Ministru Aaron Farrugia nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2022. Hu spjega kif dan ser ikun l-aħħar tentattiv u nittamaw li r-risposta tkun waħda favorevoli.

15.3.3 Inżammet diskussjoni qasira dwar dan, u aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

15.3.4 ***17:37pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

- *Laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali*

15.3.5 Il-President informa lill-membri nhar it-Tnejn 28 ta' Novembru 2022 inżammet l-ewwel fi ħdan ir-Reġjun sabiex jitresqu l-problemi li qed ikun hemm fil-Kunsilli Lokali u anke sservi ta' opportunità biex jinqasmu l-ideat. Din il-laqgħa kienet waħda pożittiva u s-Segretarji espremew li din il-laqgħa għandha tinżamm kull xahar. Infatti l-laqgħa li jmiss ser tinżamm għada filgħodu.

15.3.6 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli staqsa jekk kienx hemm attendenza tajba.

15.3.7 Is-Sur Chircop qal li żewġ Segretarji Eżekuttivi biss kienu neqsin u kif kien hemm kontribuzzjoni tajba ħafna minn dawk li kienu preżenti.

- *Laqgħa mal-President ta' Malta*

15.3.8 Il-President informa lill-membri dwar talba għall-laqgħa li saret mir-Reġjun lill-President ta' Malta sabiex ikun ippreżentat kopja tal-bolol Reġjonali wara li ma setgħax ikun preżenti għat-tnedija uffiċċjali li kienet inżammet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2022. Din il-laqgħa ser tinżamm nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023, fil-11:30am ġewwa l-Palazz ta' San Anton.

15.3.9 Is-Sur Chircop żied jgħid kif għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti hu bħala President tar-Reġjun flimkien mal-Viċi President, is-Sur Max Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, u l-Uffiċjal Maniġerjali fuq l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat.

- *L-Istrateġiji Kulturali fuq bażi Reġjonali*

15.3.10 Is-Sur Chircop informa lill-membri dwar it-tnedija uffiċċjali ta' din l-istrateġija li nżammet nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2022 ġewwa l-Università ta' Malta. Hu żied jgħid ukoll kif dan ir-Reġjun ġie nfurmat li ser tkun qed tinżamm tnedija oħra fix-xhur li ġejjin fuq livell Reġjonali. Aktar dettalji dwar dan jingħataw meta jkunu għandna.

15.3.11 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, talab sabiex ir-Reġjun jieħu ħsieb li tintbagħat invit bil-kalendarju.

15.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li dan l-invit kien maħruġ mill-Arts Council Malta u kif hi kienet infurmathom dwar dan l-invit fill-group tal-Whatsapp.

## 15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

15.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa kien qed jiġi ppreżentat il-baġit għas-sena 2023.

15.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif l-Accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante, ma setgħatx tkun preżenti għal din il-laqgħa pero dan qed jiġi mressaq għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

15.4.3 Is-Sur Chircop talab lill-membri sabiex iressqu l-mistoqisjiet tagħhom.

15.4.4 Is-Sur Anthony Dalli għamel referenza għall-kumment li kien hemm fil-bidu tar-rapport taħt it-titlu 'Overview' fejn il-fondi qedin hemm biex jintużaw kif jgħidilna d-Dipartiment meta r-Reġjun huwa awtonomu.

15.4.5 Is-Segretarju Eżekuttivi ipproponiet sabiex is-sentenza minflok tirreferi għall-funzjonijiet li hemm miktub fil-leġislazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

15.4.6 Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri preżenti.

15.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-baġit ġie maqsum b'mod speċjali minħabba li matul is-sena 2023 ser jinżammu diversi avvenimenti sportive relatati mar-Reġjun Ewropew ta' l-Isports 2023 u kif sa issa ma kien hemm l-ebda sponsor uffiċċjali.

15.4.8 Il-membri preżenti urew id-diżappunt tagħhom dwar dan peress li l-ftehim kien li parti mix-xogħol tal-organizzatur huwa li jġib fondi għal dawn l-avvenimenti.

15.4.9 Il-President spjega kif saru diversi laqgħat matul dawn l-aħħar ġimgħat ma' sponsors prospettivi pero ma kien hemm l-ebda konferma sa din il-laqgħa.

15.4.10 Is-Sindku ta Ħal Lija inkuraġġixxa lill-membri sabiex jitkellmu ma' kumpaniji li jinsabu fil-lokalitajiet rispettivi u jressquhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

15.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li għadhom qed jinġabru diversi kwotazzjonijiet ta' servizzi li ser ikun hemm bżonn biex tinżamm iċ-ċerimonja ta' ftuħ. Fosthom sabiex ikun hemm palk, dawl, *backdrop*, LED screen, l-avviment jintwera onlajn u jkun hemm fotografu, fost oħrajn.

15.4.12 Il-membri preżenti approvaw li jsiru dawn l-ispejjeż u jiġu nfurmati bil-kwotazzjonijiet miġbura permezz ta' emejl.

15.4.13 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti dwar dan kien hemm qbil sabiex tinżamm laqgħa mill-bord b'mod immedjat. Għal din ir-raġuni ġie deċiż li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar il-Ħamis 5 ta' Jannar 2023.

15.4.14 Is-Sindku ta Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, issuġġerixxa li jkun hemm sportif internazzjonli li jkun bħala ambaxxatur għal dan it-titlu biex jattira aktar segwaċi għal dan l-avveniment.

15.4.15 Il-President issuġġerixxa li jgħaddi l-informazzjoni u jikkunsidrawa skond il-finanzi li hemm disponibbli.

## 15.5 Sejħa Pubblika Reġjonali għal Ġbir ta' l-Iskart Domestiku

15.5.1 Il-President informa lill-membri kif l-Approvazzjoni flimkien mal-*compliance certificates* kellhom jiġu sottomessi fuq is-sistema ta' l-epps u dwar il-laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2022 ġiet imsejħa laqgħa b'urġenza mid-Direttur Ġenerali, Natalino Attard, fejn għaliha kien hemm preżenti jiena flimkien ma Jeanette u Ryan. Ġejna nfurmati li l-iskeda l-ġdida ser tibda minn nhar it-Tnejn 2 ta' Jannar 2023.

15.5.2 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan ir-Reġjun iltaqà mal-kuntrattur, is-Sur Chris Galea, nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022 sabiex niddiskutut kif l-aħjar nipproċedu fuq din is-sejħa. Hu nfurmana li fil-preżent kien diġa qed jipprovdi dan ix-xogħol mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Lija, San Ġiljan, Swieqi, Pembroke, u Pietà. u kien hemm qbil sabiex issir laqgħa ta' introduzzjoni bejnu flimkien mas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-kumplament tal-Kunsilli Lokali. Nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022 inżammu laqgħat mal-Kunsilli Lokali ta' Sliema, Msida u Birkirkara. U aktar kmieni dalgħodu nżammu l-laqgħat mal-Kunsilli Loklai tal-Għargħur, Iklin, Ta' Xbiex, u Gżira.

15.5.3 Is-Sur Chircop qal ukoll kif nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022 dan ir-Reġjun ġie mitlub mid-Diviżjoni sabiex tintbagħat *Letter of Comfort* lis-Sur Attard. Jeanette bagħtet din it-talba u din ġiet approvata mis-Sur Attard sabiex il-kuntrattur jitħallas b'*direct order* fl-ewwel tliet xhur. Għal din ir-raġuni qed jiġi ppreparat kalendarju għal sena sħieħa sabiex kull Kunsill Lokali jqassmu lir-residenti tiegħu. Kif ukoll qed jiġi ppreparat *flyer*.

15.5.4 Uħud mill-membri ġibdu l-attenzjoni dwar ċertu ħinijiet li kien hemm fuq id-draft tal-flyers.

15.5.5 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand l-Assistent Direttur draft agreement kif għandu jkun jew mal-Greenpak jew ma GreenMT.

15.5.6 Kien hemm diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett bejn il-bejn preżenti.

15.5.7 Is-Sur Dalli ssuġġerixxa sabiex il-kalendarji ma jiġux ipprintjati għal kull residenza. Hu qal li l-aħjar kull Kunsill Lokali jingħata 1,000 kopja u dawn ikunu jistgħu jinġabru mir-residenti li l-aktar li għandhom bżonnhom. Hu qal kif l-importanti li l-iskeda l-ġdida bħala flyer għandha tingħata lil kull *household.*

15.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li qed jiġi ppreparat ukoll l-kalendarju fejn fih ser ikun hemm it-tnax-il pittura li kienet saret mill-artista Lara Vella sabiex isiru l-bolol Reġjonali.

15.5.9 Is-Sur Dalli qal li kalendarji ma hemmx għalfejn jingħataw lil kull *household* imma jitqassmu 1,000 lill kull Kunsill Lokali u dawn jinġabru mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali biex ma jkunx hemm printing li jsir għalxejn.

15.5.10 Kien hemm qbil dwar dan.

## 15.6 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq il-pożizzjoni ta' Clerk mal-Kunsill Reġjonali Lvant*

15.6.1 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa intbagħtet permezz ta' emejl lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali u peress li ma kien applika ħadd sad-data ta' l-għeluq, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Jobsplus sabiex inkomplu b'din is-sejħa.

- *Uffiċjali Reġjonali*

15.6.2 Il-President spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet feedback mingħand is-Sur Simon Agius peress li fl-aħħar korrispondenza li dan ir-Reġjun kien ircieva mingħandu kien li fil-pożizzjoni għal EU/Local Funds, IT u Kulutra, kien qed jistenna direzzjoni mingħand id-Drettur Ġenerali sabiex il-bord tal-iscreening jiltaqà.

15.6.3 Is-Sur Chircop qal kif għal din ir-raġuni, s-Segretarju Eżekuttiv tar-Regjun bagħtet email indirizzata lid-Direttur Ġenerali dwar dan.

- *Clerk (Skala 15) fuq bażi full time mar-Reġjun Lvant*

15.6.4 B'referenza għal din is-sejħa, is-Sur Chircop qal kif din kienet ġiet ippublikata u sad-data stipulata ma kien hemm l-ebda applikazzjoni għal din is-sejħa. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Jobsplus dwar dan u talbet sabiex titkompla l-proċedura.

- *Executive Officer (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

15.6.5 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2022, is-Segretarju Eżekuttiv kienet irċiviet ittra ta' riżenja mill-Uffiċjal Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Valentina Farrugia. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-Dipartiment sabiex tinbeda l-proċess biex tinħareġ din is-sejħa. Is-Sejħa ġiet ippublikata b'mod intern lill-Kunsilli Lokali u Reġjonali nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2022 u d-data ta' l-għeluq kienet sal-Ħamis 15 ta' Diċembru 2022.

15.6.6 Is-Sur Chircop qal kif peress li dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Diviżjoni u Jobplus sabiex jitkompla l-proċess.

15.6.7 Il-President inform lill-membri sabiex jiġi maħtur bord għal dawn is-sejħiet sabiex jinżammu l-intervisti meta jkun hemm sottomissjonijiet t'applikazzjonijiet.

15.6.8 Il-memrbi qablu b'mod unanimu sabiex il-bord għal dawn l-intervisti ser ikun kompost mill-President tar-Reġjun, Anthony Chircop, flimkien mas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche. Ġaladarba xi ħadd mill-membri ma jkunx jistà jkun preżenti, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ser ikun qed jattendi.

- *Accounts Officer (Scale 11 – Full Time)*

15.6.9 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun informa lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li l-impjegata li fil-preżent għandha din il-pożizzjoni ser tkun qed tirtira fil-bidu tal' Lulju 2023. Peress li l-proċess biex jiġi mpjegat xi ħadd jieħu tul ta' żmien, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-Diviżjoni sabiex il-proċess jibda mill-aktar fis possibli.

15.6.10 Is-Sur Chircop spjega kif id-Diviżjoni approvat din it-talba u l-proċess għal din il-vakanza ser ikun qed jibda fil-ġranet li ġejjin.

- *Pool Ta' Ħaddiema għat-Tribunal Lokali*

15.6.11 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022, dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern lokali, is-Sur Natalino Attard, dwar 'Pool ta' ħaddiema għat-Tribunali Lokali'.

15.6.12 F'din il-komunikazzjoni s-Sur Attard spjega kif waħda mill-ikbar problemi li qegħdin jiġu affaċjati hi s-sitwazzjoni mwiegħra għar-rigward tar-riżorsi umani fit-Tribunali Lokali. Kif tafu wkoll, ġew depenalizzati diversi kontravvenzjonjiet li qabel kienu jinstemgħu fil-Qrati tal-Maġistrati u issa ser ikunu qed jinstemgħu fit-Tribunali Lokali.

15.6.13 Is-Sur Chircop qal kif d'din il-komunikazjoni s-Sur Attard qal kif sabiex tittaffa din is-sitwazzjoni mwiegħra u wara li din il-materja ġiet diskussa internament, ġie deċiż li jinħoloq pool żgħir ta' ħaddiema tal-RSSL (ex Air Malta) u dan sabiex dawn ikunu jistgħu jagħtu s-servizz fit-Tribunali Lokali fejn ikun hemm bżonn. Għal dan il-għan għadhom kemm ġew assenjati 4 ħaddiema li preżentement qed jingħataw taħriġ mit-Tribunal Lokali ta' Ħal Qormi.

15.6.14 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif ser ikunu aġġornati dwar dan ġaladarba jkun hemm xi żvilupp.

## 15.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Servizz ta' Mechanical Engineer*

15.7.1 B'referenza għal din is-sejħa l-President informa lill-membri kif kienet ġiet konkluża nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2022 u nfetaħ iż-żmien ta' appell sa llum, it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2022.

15.7.2 Hu kompla qal kif jekk ma jkun hemm l-ebda appell, dan ir-Reġjun ser jgħamel kuntatt mal-kuntrattur li rebaħ din is-sejħa sabiex jiġi ffirmat l-kuntratt u jibda jingħata s-servizz mill-1 ta' Jannar 2023.

- *Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2023*

15.7.3 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2022 dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja fejn l-ammont huwa dak ta' €583,333.

- *Kunsill Lokali tas-Swieqi*

15.7.4 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex mill-fond kulturali jkun jistà jorganizza attività kulturali bejn is-6 u 11 ta' Diċembru 2022 għal żmien il-Milied kif ukoll ikun hemm kunċert mużikali mill-Orkestra tat Tfal Swieqi. Dan il-Kunsill ressaq talba sabiex il-Kunsill juża l-fondi biex jarma b'dawl dekorattiv madwar it-toroq tas-Swieqi – Triq l-Ibraġġ, Triq is-Swieqi u Triq il-Qasam.

15.7.5 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali tal-Għargħur*

15.7.6 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem dan il-Kunsill sabiex jibbenifika minn €3,000 fuq spejjez ta' kiri ta' dawl u tizjin ghal zmien il-Milied 2022.

15.7.7 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *European Region of Sport 2023*

15.7.8 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet għall-affarijiet li hemm bżonn li jinxtraw għaċ-ċerimonja uffiċjali – flixken riċikabli (mingħand Fluid Branding), *wristband* (mingħand Wristbands Malta), basktijiet ta' materjal riċikabli (mingħand Fluid Branding).

15.7.9 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet minn dawk li ġew ippreżentati.

15.7.10 Il-President informa lill-membri kif l-uffiċju ġabar tliet kwotazzjonijiet sabiex jiġi provdut transport mill-iskejjel għall-padiljun tal-Università għaċ-ċerimonja ta' ftuħ.

15.7.11 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn Zarb Coaches.

- *Garaxx ta' l-uffiċċju amministrattiv*

15.7.12 Il-President informa lill-membri dwar xogħol li qed isir fil-binja ta' l-uffiċċju amministrattiv sabiex jiġi konvertit għal uffiċċju u anke sabiex jinżammu il-laqgħat żgħar tar-Reġjun.

15.7.13 Hu spjega kif l-ispiża tal-materjal kif ukoll tal-ħaddiema li qed jgħamlu dan ix-xogħol huwa ta' €2,500.

15.7.14 Il-membri preżenti approvaw din l-ispiża.

- *Xiri ta' Air Condition*

15.7.15 Is-Sur Chircop informa lill-membri li għal dan l-uffiċċju hemm bżonn li jinxtara air condition ġdid. Għal din ir-raġuni ġew imressqa tliet kwotazzjonijiet.

15.7.16 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni li kienet provduta minn Nathans HIFI.

- *Malta Cooperative Federation*

15.7.17 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet dwar dan is-suġġett nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022 bejn il-bord kompost mill-President flimkien ma' Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mar-rappreżentanti tal-MCF, is Sur John Mallia u is-Sur Victor Fiorini.

15.7.18 Il-President spjega kif waqt din il-laqgħa ġiet diskussa l-idea li jkun hemm kooperattiva li tgħin waqt il-ħinijiet li t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskejjel. Għal din ir-raġuni ġejna mitluba nressqu mill-inqas ħames persuni.

15.7.19 Is-Sur Chircop talab lill-membri sabiex iressqu dettalji ta persuni li juru li jkunu interessati li jipparteċipaw f'din il-federazzjoni.

- *Fondi għall-Ippjanar tal-Iżvilupp*

15.7.20 Il-President għamel referenza għal dawn il-fondi u talab lill-membri preżenti jgħatuh l-awtorizzazzjoni sabiex jitlob laqgħa lill-Onor. Stefan Zrinzo sabiex il-miżati professjonali tal-perit ikunu jistgħu jiġu assorbiti minn dan il-fond ukoll.

15.7.21 Il-membri preżenti approvaw sabiex din il-laqgħa tinżamm.

- *Kunsill Lokali Swieqi*

15.7.22 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex b'referenza għall-Progetti Kulturali, Sports, Muzika, Jum il-Lokal, Baned b'Kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant, dan il-Kunsill talab sabiex jiġi rimborżat għall-attivitajiet tal-Milied bhal Artisan Market, Banda Folkloristika Maltija ddur fit-toroq tas-Swieqi, attivita' mmirata ghat-tfal u l-anzjani tal-lokalita. Waqt din l-istess attivita' ser ikun hemm bibita' żgħira b'ikel marbuta mal-Milied għall-anzjani fejn ikun hemm banda lokali idoqq għanjiet tradizzjonali marbuta mal-Milied bil-Malti.

15.7.23 is-Sur Chircop qal ukoll kif dan il-Kunsill ser ikun qed jarma s-sala kif ukoll il-Ġnien ta' biswit se jkunu armati għal festi tal-Milied b'dawl dekorattiv, presepju u Bambin ġol-maxtura.

15.7.24 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

15.7.25 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex jikkonferma u jiġu miżjuda xi dettalji ma' kull proġett li qed isir b'kollaborazzjoni ma' dan ir-Reġjun.

15.7.26 Il-membri preżenti approvaw it-talbiet imressqa f'isem dan ir-Reġjun.

- *Kunsill Lokali Ta' Xbiex*

15.7.27 Il-President ressaq it-talba f'isem dan il-Kunsill sabiex jinfurmana li matul s-sena 2022 għamel dawn ix-xogħlijiet:

- kompla l-proġett tad-dwal ta' taħt il-bankina fi Triq ix-Xatt fejn bis-saħħa ta' dan il-proġett il-post ġie mdawwal aktar.
- sar *refurbishment* ġewwa l-Kunsill fejn kien hemm bżonn li ssir kċina li tiġi wżata kemm mill-impjegati kif ukoll minn studenti li jattendu għall-korsijiet tal-*lifelong learning*.
- Ġie mnaddaf madum b'kimika apposta li hemm fi Triq ix-Xatt il-parti tal-*car park* fejn permezz ta' din il-kimika, t-tbajja li kien fuq il-madum tqaxxar u ġie jidher qisu ġdid.
- Tranġaw is-*soft areas* ta' Triq Principessa Margerita peress li kienu ta' periklu u permezz ta' hekk jitnaqqas il-periklu.

15.7.28 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-Kunsill jixtieq jagħti jgħamel proġetti bi sħab ma Ta' Xbiex FC, Ta' Xbiex Futsal u Ta' Xbiex Beach Soccer Team (marbuta mac-Champions League tal-Beach Soccer li mistenija ssir ftit xhur oħra fi-Portugal). Mill-istess fondi fit-22 ta' Lulju 2022 il-Kunsill organizza Jum Ta' Xbiex. Parti minn dawn il-fondi l-Kunsill jixtieq jagħmel proġett artistiku fejn jagħmel mosaic mal-faċċata tat-taraġ tal-Belvedere kif ukoll iżid arbli biex inkun jistà jiżdied it-tizjin.

15.7.29 Il-Kunsill iddecieda li ghal din is-sena jzejjen Triq Abate Rigord fejn kellu jaghmel toqob ghall-arbli biex inkunu nistghu nzejnu u naghmlu aktar dwal tal-Milied. Ghaldaqstant il-fondi ta' €3,000 jixtieq li jintuzaw ghal dawn ix-xogholjiet msemmija.

15.7.30 L-iskema ta' €2,000 il-Kunsill gie infurmat li l-Knisja ghandha bzonn tixtri xi ghamara. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li dawn il-fondi ghandhom jigu utilizzati mill-Knisja.

15.7.31 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet imressqa f'isem dan il-Kunsill Lokali.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

15.8.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 13A u 13B.

15.8.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 15.9 Mozzjonijiet

15.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 15.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Jannar, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |